MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 108/2010

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

**Vs**

**Maria Assunta Spiteri**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh (Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12) u li l-konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' sittax-il elf erbgha mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu (16,451.67) li jirraprezentaw €15,134.77 taxxa dovuta mill-konvenuta fuq l-att tal-21 ta' Ottubru 2010 pubblikat min-nutar Dr Andre' Farrugia u l-kumplament spejjez u d-dritt notarili li thallsu mill-atturi. Permezz ta' sentenza **Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri** (Rikors 59/2007) deciza fl-4 ta' Frar 2009 minn din il-qorti kif presjeduta, il-konvenuta giet kundannata tersaq ghall-kuntratt ta' bejgh tal-garaxx

7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex. Il-qorti ordnat ukoll li l-ispejjez taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta. Fil-21 ta' Ottubru 2010 gie pubblikat il-kuntratt ta' bejgh min-nutar Dr Andre Farrugia wara digriet li kien inghatat mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Ottubru 2010. Fuq il-kuntratt il-konvenuta ma deheritx u minflokha iffirmat l-avukatessa Dr Simone Grech li kienet giet nominata minn din il-qorti permezz tas-sentenza tal-4 ta' Frar 2009 sabiex tidher bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci. Jirrizulta li dakinhar tal-kuntratt l-atturi hallsu s-somma ta' €15,094.54 bhala taxxa finali li suppost thallset mill-konvenuta bhala l-persuna li ttrasferiet il-fond. Thallset ukoll is-somma ta' €100 bhala dritt dovut lill-kuratrici u l-kumplement kienu spejjez tan-nutar.

Da parti tal-konvenuta ssostni li ma kienx hemm bzonn li ssir din il-kawza u m'ghandix tbati spejjez. Ir-risposta guramentata prezentata fid-9 ta' Dicembru 2010 qeghda titqies **biss** ghal finijiet ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 170 tal-Kap. 12. F'paragrau erbgha (4) iddikjarat: *"Illi ghar-rigward tal-fatti elenkati mill-attur fir-rikors promotur u d-dokumenti esebiti l-esponenti ma ghandha ebda eccezzjoni xi tqajjem salv li kif gia inghad dina l-kawza hija inutli u ghalhekk l-esponenti ma ghandha thallas ebda spejjez ta' din l-istanza."*.

It-talba tal-atturi hi gustifikata fir-rigward tat-taxxa finali ta' tnax fil-mija li hallsu l-atturi u l-ispejjez tal-kuratrici. Ghal dawk li huma spejjez notarili l-qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi ghaliex huma kienu l-kompraturi, kif wara kollox hemm dikjarat fil-konvenju li kien gie ffirmat fil-21 ta' Awwissu 2006.

Fil-fehma tal-qorti il-konvenuta m'ghandix ragun li ma kienx hemm htiega li ssir din il-kawza. Fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2009 il-qorti ddikjarat ***"Spejjez a karigu tal-konvenuta"*** u kkundanant lill-konvenuta tersaq ghall-kuntratt taht il-pattijiet u kondizzjonijiet pattwiti fil-konvenju li sar fil-21 ta' Awwissu 2006. L-ispejjez li l-Magistrat sedenti kien qieghed jirreferi ghalihom fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2009 kienu l-ispejjez gudizzjarji, cjoe' t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u d-dritt tal-kuratrici u

mhux hlas ta’ taxxa. Ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-ispejjez notarili, dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi bhala l-akkwirenti tal-fond kif wara kollox gie pattwit fil-konvenju (ara klawzola numru 1).

Fir-rigward tal-ispejjez li ghamlet il-konvenuta meta fid-9 ta’ Dicembru 2010 pprezentat risposta guramentata, fil-fehma tal-qorti ir-Registratur ghandha thallas lura lil Maria Spiteri l-hlas li ghamlet mehud in konsiderazzjoni li:-

a. Dan l-att gie kunsidrat biss bhala nota.
b. Ir-registratur messha qatt ma accettat li tigi prezentata risposta guramenta meta fil-kawza kien hemm talba biex il-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh. Sakemm jinghata provvediment mill-qorti m’ghandix tigi prezentata risposta guramentata.

Il-fatt li t-talba tal-atturi m’ghandix tintlaqa’ ghas-somma kollha mitluba, m’ghandix twassal biex din il-kawza ma tinstemax bil-procedura sommarja kontemplata fl-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12. Fin-nuqqas ikun qieghed biss jinghata lok biex isiru iktar spejjez u l-kwistjonjiet bejn il-kontendenti jibqghu jitwalu bla bzonn.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda:-**

**1. Tilqa’ t-talba sabiex il-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ hmistax-il elf mija u erbgha u disghajn ewro u tlieta u tletin centezmu (€15,194.33) kif spjegat hawn fuq.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta limitatament ghall-percentwali ta’ disghajn fil-mija (90%), u l-kumplament jibqghu a karigu tal-atturi[1].**

[1] Kwalsiasi spejjez relatati mar-risposta prezentata fid-9 ta’ Dicembru 2010 jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------